# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 952/2013 SM**

***Panta Marketing and Services Limited***
**(C – 11233)**

**vs.**

**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-4 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi intavolat il-procedura odjerna a bazi tal-artiklu 72 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-avviz tas-socjeta` rikorrenti datat il-5 ta' Settembru, 2013, li permezz taghha talbet li tinghata lura l-oggetti maqbuda mill-intimat, b'nota ta' qbid datata l-24 ta' Lulju, 2013, (ara foll 38 u 37 rispettivament);

1.2. Illi fil-31 ta' Mejju, 2013, ordnat pannelli solari minghand is-socjeta` estera *Linuo Power UK Limited,* (ara foll 10);

1.3. Illi precedentement ghall-imsemmi ordni l-istess socjeta` rikorrenti rat li d-dazju dovut fuq livell komunitarju kien ser jithallas debitament;

1.4. Illi l-istess socjeta` rikorrenti kienet ghalhekk riedet tkun certa li l-unici spejjez li kienet ser thallas fuq il-konsenja *de quo* kienu ser jinvolvu biss l-ispejjez tal-garr tal-merkanzija u l-ispejjez tal-port, kif ikkonfermat f'email datata d-29 ta' Mejju, 2013, (ara foll 11);

1.5. Illi meta l-konsenja in dizamina wasslet Malta fl-24 ta' Lulju, 2013, din giet spezzjonata u nstab li l-pannelli kienu t'origini Ciniza u b'hekk suggetti ghal dazju kontra id-*dumping* fl-ammont ta' €8,693.00 li flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud involuta kienet tammonta ghal €10,258.00), (ara wkoll foll 13);

1.6. Illi rapprezentant tas-socjeta` estera fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), ikkonferma permezz *t'email* datata s-26 ta' Lulju, 2013, li l-konsenja in kwistjoni kienet klassifikata *"European Customs cleared"*, (ara foll 14);

1.7. Illi fir-rigward il-partijiet ghaddew diversi korrispondenzi lil xulxin izda s-sitwazzjoni baqghet ma nbidlitx, (ara foll 15 sa 36);

1.8. Illi eventwalment il-pannelli *de quo* gew maqbuda mill-intimat permezz ta' nota ta' qbid datata t-23 t'Awwissu, 2013, (ara foll 37);

1.9. Illi sussegwentement is-socjeta` rikorrenti talbet lill-intimat biex jiggwidha fir-rigward u talbet li n-nota ta` qbid *de quo* tigi irtirata, (ara foll 38);

1.10. Illi ssottomettiet ukoll li l-artiklu 18 tal-Ordinanza tad-Dwana mhux applikabbli ghaliha *stante* li ma kien hemm xejn zbaljat u inkorret fl-isem tal-oggetti involuti;

1.11. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` rikorrenti ma agixxietx b'mod doluz *stante* li:

1.11.1. La ghamlet dikjarazzjoni qarrieqa; u

1.11.2. Lanqas hbiet oggetti importanti;

1.12. Illi f'laqgha bejn rapprezentanti tal-kontendenti rapprezentant tad-Dwana ammetta li l-kwistjoni kollha kienet rizultat ta' zball genwin ikkawzat minn cirkostanzi straordinarji;

1.13. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.13.1. Tiddikjara li n-nota ta' qbid numru 56/2013 inharget ingustament u llegalment kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.13.2. Thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-intimat sa fejn jikkoncernaw in-Nota ta' Qbid numru 56/2013;

1.13.3. Tordna lill-intimat biex fi zmien qasir stabbilit minn din il-qorti jehles u jirrilaxxja f'idejn is-socjeta` rikorrenti l-oggetti kollha proprjeta` tal-istess socjeta` rikorrenti;

1.13.4. Illi jekk fil-frattemp jigu rilaxxati l-oggetti in dizamina mal-ghoti tal-garanzija favur l-intimat fl-ammont ta' €73,673.60, tiddikjara li l-intimat ma kellu ebda dritt li jitlob u jottjeni tali garanzija u/jew li s-somma *de quo* minnu mitluba hi mizura ingusta u sproporzjonata;

1.13.5. Tordna li l-intimat, fi zmien qasir stabbilit minn din il-qorti, jirrilaxxa u jirritorna lis-socjeta` rikorrenti l-garanzija maghmula;

1.13.6. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-risposta datata s-6 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma insostenibbli;

2.2. Illi s-socjeta` rikorrenti ddikjarat li kienet qed timporta pannelli fotovoltajici taht *HS Code* 8541409010 *stante* li l-merkanzija in dizamina kienet allegatament torigina mill-Istati Uniti;

2.3. Illi meta sussegwentement ufficjal tad-Dwana spezzjona l-merkanzija u pparaguna l-istess mad-dokumentazzjoni li kellu rrizulta li din ma kienitx konformi mad-deskrizzjoni *HS Code* kif dikjarat mis-socjeta` rikorrenti;

2.4. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li l-istess merkanzija kienet addirittura originat mic-Cina fejn ghalhekk l-*HS Code* korrett kellu jkun 8541409021;

2.5. Ili rizultat tal-istess is-socjeta` rikorrenti kienet se tevadi l-"*anti dumping duty"* u l-*VAT* relattiv *ai termini* tar-Regolament tal-Kummissjoni (EU) 513/2013;

2.6. Illi mhux minnu li l-intimat accetta l-allegata versjoni tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti l-genwinita` tal-azzjonijiet taghha;

2.7. Illi in effetti, l-istess intimat xorta hareg nota ta qbid fil-konfront tal-merkanzija *de quo*;

2.8. Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jaqghu taht l-ambitu tal-artiklu 18 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti dikjarazzjonijiet skorretti;

2.9. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

2.10. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati u kif sussegwentement estizi, (ara foll 224 u 234);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-12 ta' Jannar, 2016, (ara foll 225), u dik tal-intimat datata s-7 t'April, 2016, (ara foll 235);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat is-7 t'April, 2016, li permezz tieghu wara li infurmat lill-qorti li l-pannelli fotovoltajici in dizamina kienu gew rilaxxati wara li giet intavolata garanzija bankarja fir-rigward, irtirat it-tielet talba, (dik enumerata wiehed punt tlettax punt tlieta, (1.13.3.), aktar qabel), (ara foll 6);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti mill-kontendenti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi s-socjeta` rikorrenti importat kwantita` ta' pannelli fotovoltajici minghand kumpanija Ingliza *Linuo Power UK*, (ara foll 10);

9.2. Illi meta eventwalment il-konsenja in dizamina wasslet Malta, din giet debitament spezzjonata mill-Ufficjali tad-Dwana;

9.3. Illi skont id-dokumenti tal-istess konsenja rrizulta li din kienet iggib in-numru ta' referenza TDID 2013601952248, (ara foll 13, 15, 54, 79, 82, 113 u 85);

9.4. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ddikjarat li kienet ser timporta l-merkanzija in dizamina taht l-*HS Code* 8541309010 *stante* li l-merkanzija kienet torigina mill-Istati Uniti, (ara foll 113, 134 u 40);

Ikkunsidrat:

10. Illi effettivament, wara spezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana lokali rrizulta li l-allegazzjoni li l-pannelli ordnati mis-socjeta` rikorrenti kienu gew mill-Amerika, u mhux mill-Inghilterra, ma kienitx minnha, u minflok rrizulta li l-origini vera tal-istess kienet effettivament ic-Cina, (ara foll 101 u 112);

11. Illi l-provenjenza vera tal-istess pannelli tirrizulta mill-*HS Code* dikjarat mis-socjeta` rikorrenti – numru 8541409010 - mentri l-istess *HS Code* kellu jigi indikat bin-numru 85414109021, (ara foll 112);

12. Illi permezz tan-numru tal-kodici enumerat u indikat mis-socjeta` rikorrenti, l-merkanzija in dizamina kellha rata ta' dazju dogonali ta' 0%, b'taxxa fuq il-valur mizjud ta' 18% ammontanti ghal €13,261.00;

13. Illi ghalkemm it-taxxa fuq il-valur mizjud giet imhallsa debitament, id-dazju effettivament dovut mis-socjeta` rikorrenti gie hekk evitat;

14. Illi ghalhekk irrizulta li l-pannelli *de quo* kienu manifatturati c-Cina u mhux l-Amerika;

15. Illi fir-rigward, ghalkemm id-dazju dovut jibqa` 0%, pero` *stante* il-provenjenza li rrizultat, kien dovut li tithallas ukoll *"anti-dumping duty"* fir-rata ta' 11.8%, flimkien ma taxxa fuq il-valur mizjud ta' 18%, (ara foll 113);

16.0. Illi ghalhekk jirrizulta li fl-istess dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti gie dikjarat hazin:

16.1. Kemm l-*HS Code*, (ara paragrafi disgha punt tlieta, (9.3.), u disgha punt erbgha, (9.4.), aktar qabel);

16.2. Kemm il-pajjiz ta' provenjenza;

17. Illi skont ir-rizultanzi fuq indikati allura r-Regolamenti tal-Kummissjoni (EU) 513/2013 huma applikabbli *stante* li l-merkanzija kienet manifatturata c-Cina;

18. Illi konsegwentement id-Direttur Generali intimat ma kellu l-ebda alternattiva hlief li johrog in-nota ta' qbid numru 56/2013 datata t-23 t'Awwissu, 2013, (ara foll 37);

Ikkunsidrat:

19. Illi s-socjeta` rikorrenti tikkontesta n-nota indikata fil-paragrafu precedenti u qed titlob ir-rilaxx tal-merkanzija in dizamina;

20.0. Illi in sintesi, r-ragunijiet ghal tali kontestazzjoni huma s-segwenti:

20.1. Illi s-socjeta` Ingliza esportatrici fuq riferita ghamlitha cara li l-merkanzija *de quo* kienet *EU Customs Cleared;*

20.2. Illi l-istess merkanzija kienet indikata li kienet l-Istati Uniti u kienet ser tigi mwassla *Hamburg*;

20.3. Illi ghalhekk l-impjegati tas-socjeta` rikorrenti kienu gew zgwidati u minflok li raw li l-merkanzija kienet torigina mic-Cina, hasbu li kienet torigina mill-Istati Uniti tal-Amerika;

21. Illi waqt li s-socjeta` rikorrenti ssosstni li ghamlet zball genwin, l-intimat isosstni li fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni falza u skorretta lid-Dwana bl-iskop li tevadi d-dazji dovuti;

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan ir-rigward il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili**, fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs. Kontrollur tad-Dwana**, datata t-**12 ta' Marzu, 2013**, ssosstni s-segwenti:

> "...il-qrati taghna jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, jrid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li l-**Qorti tal-Appell** fil-kawza **Camilleri vs. Kontrollur tad-Dwana**, deciza fit-**13 ta' Mejju, 1985**, kienet osservat li l-konfiska

> ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li kien hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska";

23. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Priscilla Cassar et. vs. Il-Kontrollur tad-Dwana**, datata d-**29 ta' Jannar, 2010**, **Il-Qorti tal-Appell**, irriteniet li hu:

> "...id-dmir tal-qorti f'dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-nota ta' qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk, jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat"

Ikkunsidrat:

24. Illi stabbilit il-principju fuq riferit, imiss issa li tigi indirizzata l-ligi in dizamina li fuqha strah u agixxa l-intimat meta ghazel li jaqbad il-merkanzija importata mis-socjeta` rikorrenti;

25. Illi in effetti, l-artiklu 18 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu inharget in-nota ta' qbid ikkontestata *in atti* tirrigwarda, fost l-ohrajn, dikjarazzjoni qarrieqa;

26. Illi kuntrarjament ghal dak sostenut mis-socjeta` rikorrenti l-istess artiklu japplika ghall-merkanzija meritu tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

27. Illi min analisi tad-dokumentazzjoni pprezentati mis-socjeta` rikorrenti u minn ezami tal-pannelli importati minnha, jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li s-socjeta` rikorrenti effettwat dikjarazzjoni qarrieqa meta paragunata mal-provenjenza vera tal-istess pannelli;

28. Illi in effetti l-pannelli gew immanufatturati u originaw mic-Cina u mhux mill-Amerika kif iddikjarat mis-socjeta` rikorrenti;

29. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li d-dikjarazzjoni doganali sottomessa mis-socjeta` rikorrenti mal-ufficju appozitu tad-Dwana, ma taqbilx mal-kontenut tal-istess merkanzija importata;

30. Illi *di piu`*, ma jirrizultax li l-fornitur tas-socjeta` rikorrenti kien ftiehem mall-istess socjeta` li l-pannelli *de quo* kellhom ikunu *EU customs cleared* fis-sens li *“anti-dumping duty”* kien diga` mhallas f’xi pajjiz tal-Unjoni Ewropea qabel mal-istess gew importati lokalment;

31. Illi bil-maqlub, dak li effettivament jirrizulta mill-fattura datata t-23 ta’ Mejju, 2013, li ggib in-numru ta’ referenza 10089-001, (ara foll 62), hu li skont l-indikazzjoni intestata *“Details”*, hemm indikat li l-merkanzija in dizamina meritu tal-procedura odjerna kienet intestata *Custom Entry into Free Circulation €0.00*;

32. Illi l-istess intestatura tindika b’mod car u inekwivoku li fil-konfront tal-merkanzija in dizamina s-socjeta` rikorrenti ma kienet hallset l-ebda tip ta’ dazju li jippermetti lill-istess oggetti jkunu jistghu jidhlu u jiccirkolaw fis-suq komuni tal-Unjoni Ewropea;

33. Illi jigi wkoll sottolineat li l-fatt li merkanzija tigi biss spedita Malta minn pajjiz Membru tal-Unjoni Ewropea fih innifsu ma jfissirx li d-dazji dovuti jkunu awtomatikament gew kollha mhallsa fil-post hekk Membru fejn il-merkanzija tkun iddahlet l-ewwel darba fl-istess Unjoni;

34. Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li la l-merkanzija *de quo* kienet l-Istati Uniti allura l-istess merkanzija originat f’dak il-pajjiz, ma treggix;

35. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li hu l-oneru esklussiv tas-socjeta` rikorrenti li tikkonferma b’mod serju u diligenti d-dettalji kollha tad-dokumentazzjoni minnha migbura *stante* li altrimenti, r-rispons tad-Dwana ma jistax jirrifletti l-obbligi Ewropej imposti;

Ikkunsidrat:

36. Illi ghalhekk jirrizulta palezement ipprovat li d-dokumentazzjoni pprezentata mis-socjeta` rikorrenti tirrizulta li kienet tentattiv

t’evazjoni tat-taxxa jew dazju *ai fini tal*-artiklu 18 tal-Kap 37 *stante* li d-dikjarazzjoni minnha pprezentata tirrizulta li ma kienitx tirrifletti l-verita` u ghalhekk, kienet dikjarazzjoni falza, u tmur ferm lil hemm minn semplici dikjarazzjoni zbaljata kif allegat mis-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

37.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

37.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

37.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat;

37.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**